- *titlu eżekuttiv ai termini tal-Art. 59 tal-Kap 406*
- *kompetenza tal-Qorti f'materji fiskali*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 22 ta' Settembru 2020.**

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 84/2019GM**

**Eagle K-Wear Company Limited (C 95);**

**Alexander Aquilina ID559960M u Josephine Aquilina ID94935M**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi ppreżentat fit-30 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu wara li ppremettew:-

1. Illi fis-16 ta' Jannar 2019, is-soċjeta' attriċi irċeviet interpellanza reġistrata mingħand l-Awtorita` konvenuta (Għad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fejn ta' l-aħħar qiegħdha tippretendi li hija kreditriċi fil-konfront ta' l-istess soċjeta' fis-somma komplessiva ta' €201,317.19 rapprezentanti kwantu għal €174,983.33 bħala taxxa pura, kwantu għal

€26,083.86 bħala interessi relattivi u kwantu għal €1,250 bħala penalitajiet, Dok X.

2. Illi qed jiġi allegat mill-Awtorita' konvenuta li l-imsemmi ammonti huma dovuti bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud għal perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa l-1 ta' Jannar 2017.

3. Illi l-ammont pretiżi mill-Awtorita' konvenuta ma humiex fil-fatt dovuta mis-soċjeta attriċi li qiegħdha konsegwentement tramite dan l-att ġudizzjarju tikontesta formalment l-imsemmija pretensjoni u dana ai termini tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi l-odjerna kontestazzjoni qiegħdha ssir għas-sempliċi raġuni li parti sostanzjali tal-ammonti pretiżi jinsabu fil-fatt debitament imħallsa kif għandu jirrizulta mill-annessi dokumenti markati bl-ittri A u B kif ukoll kif sejjer jirrizulta aħjar u jiġi ppruvat waqt l-ismiegħ ta' dawn il-proċeduri.

5. Illi in vista tal-ammonti mħallsa, għandu jirriżulta kwindi li l-interessi u penalitajiet relattivi mitluba wkoll m'għandhomx jiġu meqjusa bħala li għandhom jiddekorru kontra s-soċjeta' attriċi.

6. Illi apparti s-suespost, qed jiġi rilevat ukoll li l-pretensjoni għal ħlas ta' interessi u penalitajiet fuq taxxa pura mhux imħallsa ma humiex legalment ġustifikati in vista tal-fatt li b'hekk l-Awtorita' konvenuta tkun qegħda tarrikkixxi ruħha indebitament a skapitu u preġudizzju tas-soċjeta attriċi.

7. Illi in vista tat-talba reġistrata magħmula mill-Awtorita' konvenuta fuq riferita, s-soċjeta' attriċi ma kellhiex triq oħra legalment ħlief dak li tippreżenta l-odjern rikors biex tikkontesta l-istess.

8. Illi l-fatti li jifformaw parti minn dawn il-premessi huma magħrufa personalment lid-dikjarant odjern;

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-ammonti pretiżi mill-Awtorita' konvenuta fl-avviż tagħha Dok X ma humiex effettivament dovuta, u

2. Konsegwentement tħassar *in toto* l-effetti legali tal-istess avviż Dok X, għal finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ppreżentata fit-13 ta'Marzu 2019 li permezz tagħha l-Kummissarju tat-Taxxi eċċepixxa:-:-

1. Illi b'mod preliminari, jiġi rilevat li mhix korretta r-referenza li qed issir għall-esponenti fir-rikors ġuramentat meta qed jissejjaħ bħala *'l-Awtorita' konvenuta' u/jew 'l-Awtorita' tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud'.*

2. Illi b'mod preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċedura odjerna magħżula u addottata mir-rikorrenti sabiex jattakkaw l-avviż u t-talba għall-ħlas in kwistjoni mhix dik idonea ai termini tal-liġi u għalhekk hi nulla u bla effett.

3. Illi r-rimedju li kellhom ir-rikorrenti sabiex jikkontestaw l-ammonti minnhom dovuti lill-esponenti, nkluż għalhekk sabiex jattakkaw kull kwistjoni relattiva għat-taxxa, penali u interessi dovuti u l-metodu kif il-ħlas minnhom magħmul ġie mqassam mill-esponenti, kien li jressqu appell mill-avviż u talba għall-ħlas in kwistjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva *ai termini* tal-Artikolu 44 tal-kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux li jintavolaw dawn il-proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi għalhekk m'huwiex minnu dak allegat mir-rikorrenti li ma kellhomx triq oħra għajr li jippreżentaw ir-rikors ġuramentat odjern.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġia la darba ma tressaq l-ebda appell ai termini tal-liġi quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif fuq eċċepit, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar il-kreditu dovut lill-esponenti in kwantu l-avviż in kwistjoni [1]inħareġ u ġie notifikat ai termini tal-Artikolu 59 tal-kap 406 u kwindi sar jikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-istess Artikolu 59 tal-kap 406.

6. Illi għalhekk, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammonti dovuti lill-esponenti in kwantu tali ammonti huma ġia dovuti bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li l-esponenti għandu fil-

[1]

konfront tar-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-kap 406 u ċioe' l-avviż immarkat bħala dok X mar-rikors promotur.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ukoll b'mod prelliminari u dejjem bid-dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti mhix il-Qorti kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammonti in kwistjoni humiex dovuti o meno in kwantu hu biss it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li hu Tribunal speċjalizzat kompost minn persuni tekniċi skond il-liġi, li għandu l-poter sabiex jiddetermina jekk l-ammonti dovuti lill-esponenti humiex korretti, inkluż għalhekk kif ġew imqassma l-pagamenti magħmula lill-esponenti u kif ġew ikkalkulati l-penali u l-interessi relattivi.

8. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammonti dovuti lill-esponenti huma korretti in kwantu l-ħlasijiet li saru lill-esponenti ġew imqassma *ai termini* tal-Artikolu 67 tal-kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, l-interessi u l-penali dovuti lill-esponenti huma legalment ġustifikati u m'hemm l-ebda arrikkiment indebitu a skapitu tar-rikorrenti jew min minnhom.

9. Illi għalhekk it-talbiet kollha rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dirtt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet;

Rat li l-kawża ġiet iddifferita għallum għas-sentenza dwar l-istess eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża nfetħet wara li l-konvenut interpella lill-atturi biex iħallsu taxxa fuq il-valur miżjud, imgħax u penali permezz ta' interpellanza rreġistrata datata 10 ta' Jannar 2019. Kif hemm miktub espressament fuq l-istess ittra interpellatorja, din inħarġet skont id-disposizzjonijiet tal-**Art. 59 tal-Kap 406** u li tikkostitwixxi **titlu eżekuttiv** kif mifhum fil-Kodiċi tal-Proċedura (Kap 12). Ma nħarġitx ukoll ittra uffiċċjali skont Art. 59(2) u għalhekk it-titlu eżekuttiv għadu ma sarx esegwibbli;

Illi l-atturi m'humiex jattakkaw il-validita` formali tal-interpellanza rreġistrata. Huma sempliċiment qegħdin jikkontestaw l-istima;

Illi l-ligi (Artikoli 43 u 44 tal-kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta) tagħti rimedju lil kull min iħossu aggravat bi stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi li jikkonsisti f'appell mill-avviż u talba għall-ħlas in kwistjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Ħaġa li l-atturi m'għamlux. Huma jsostnu li l-fatt li l-liġi tagħti dan ir-rimedju ma jfissirx li eskludiet il-ġurisdizzjoni ordinarja ta' din il-Qorti. B'danakollu, ġie stabbilit mill-ġurisprudenza[2] li ġaladarba l-liġi tistabbilixxi proċedura speċjali biex jiġu attakkati stejjem dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, kif tagħmel f'liġijiet fiskali oħrajn, u saħansitra tistabbilixxi Tribunal speċjalizzat biex jisma' l-ilmenti dwar dawn l-istejjem, din il-Qorti ma jibqgħalhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tagħhom;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) tilqa' *in parte* t-tielet eċċezzjoni billi tiddikjara li m'għandhiex kompetenza tindaga dwar l-ammont ta' taxxa talvolta dovut mill-atturi.

(2) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u r-raba' eċċezzjoni billi m'hemmx għalfejn tagħmel dan in vista tad-deċiżjoni tagħha dwar it-tielet eċċezzjoni.

(2) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ salv digriet *in camera* li qiegħdha tagħmel kontestwalment ma' din is-sentenza *ai termini* tal-Art. 741(b) tal-Kap 12.

Spejjeż riżervati għall-eventwali ġudizzju finali.

Moqrija.

---

[2] Hekk stabbiliet f'każ simili l-Onorabbli Qorti tal-Appell in re: Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[2]; u din il-Qorti, diversament ippreseduta in re: Ian Pace v. Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[2] u Bay Investments Ltd v Il-Kummissarju tat-Taxxi *coram* Onor. Imħ. Robert Mangion[2].

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA